2025/2104

22.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2104

tal-21 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2029 fir-rigward tal-bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Novembru 2019, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2029 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0020461-0000 lil CVAS Development GmbH għat-tqegħid fis-suq tal-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol" u għall-użu tiegħu. L-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal dak il-prodott bijoċidali uniku.

(2) Fit-30 ta' Novembru 2022 u fil-11 ta' Frar 2025, CVAS Development GmbH ressqet notifiki lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija"), f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]), ta' bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol", kif imsemmija fit-Titolu 1 tal-Anness ta' dak ir-Regolament. In-notifiki ġew irreġistrati fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali ("ir-Reġistru") bin-numri tal-każ BC-QB082302-54 u BC-CC104178-64. Il-bidliet proposti notifikati f'dik l-awtorizzazzjoni jikkonċernaw bidliet fl-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, bidliet fl-indirizz ta' wieħed mill-manifatturi tal-prodott bijoċidali u ż-żieda ta' żewġ siti tal-produzzjoni.

(3) Fl-10 ta' Jannar 2023 u fit-18 ta' Marzu 2025, l-Aġenzija ressqet lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, opinjonijiet ([4]) dwar il-bidliet amministrattivi notifikati fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol". Fl-opinjonijiet, l-Aġenzija tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi kif imsemmija fl-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1, it-Taqsimiet 1 u 2, tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jibqgħu jiġu ssodisfati.

(4) Fit-18 ta' Marzu 2025, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni s-sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, li jkopri l-bidliet amministrattivi kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2029 tad-29 ta' Novembru 2019 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol (ĠU L 313, 4.12.2019, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2029/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

([4]) ECHA opinions of 10 January 2023 and 18 March 2025 on administrative changes of the Union authorisation of the single biocidal product 'CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol', Opinions N° UAD-C-1635714-34-00/F and UAD-C-1810381-35-00/F https://echa.europa.eu/documents/10162/3443008/opinion_for_ua-admin_changes_bc-qb082302-54_en.pdf/4d1b6b3f-e7d9-1891-c6f8-d33708602bd0?t=1686103139710 u https://echa.europa.eu/documents/10162/95571017/ua_adc_echa-opinion_bc-cc104178-64_en.pdf/cbae0e96-6933-67ee-5d70-0da3e1fd6a0e?t=1742289737846.

(5) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol" bil-għan li jiddaħħlu l-bidliet amministrattivi mitluba minn CVAS Development GmbH.

(6) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali ta' "CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2029, tibqa' l-istess.

(7) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali li għandha tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2029 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu. Minħabba bidla fil-format użat biex jiġi ġġenerat is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali fir-Reġistru fi Frar 2024, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali f'dak l-Anness jenħtieġ li jinkludi wkoll xi bidliet żgħar editorjali u fit-tqassim.

(8) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2029 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2029 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0020461-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0020461-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem/ismijiet kummerċjali tal-prodott**

Isem/Ismijiet kummerċjali	CVAS Disinfectant product based on Propan-2-ol calgonit DS 622 R 3000 SCHNELLDESINFEKTION IPADES 70 Alpha Septin Blu-Sept Iddiżinfetta d-dar Schnell Des Disinfect Rapid Bakt-Ex Pur Bakt-Ex Rapid ROTIE-DES veloċi Bactazol I Dezynfektator EOSSAN-Desinfektionsspray-Fluwidu FS-7-Sprej Sprej Iġeniku Gartengeräte Sprej Iġeniku NeudoClean

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	CVAS Development GmbH
	Indirizz	Am Hafen 16 68526 Ladenburg Il-Ġermanja
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0020461-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0020461-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	24/12/2019	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	30/11/2029	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Brenntag GmbH
Indirizz tal-manifattur	Messeallee 11 45131 Essen Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Brenntag GmbH Am Nordseekai 22 73207 Plochingen Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	ACT GmbH
Indirizz tal-manifattur	Weidenweg 12 73087 Bad Boll Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	ACT GmbH Weidenweg 12 73087 Bad Boll Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Meyer Chemie GmbH & Co. KG
Indirizz tal-manifattur	Werkstr 25 32130 Enger Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Meyer Chemie GmbH & Co. KG Werkstr 25 32130 Enger Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Calvatis GmbH
Indirizz tal-manifattur	Am Hafen 16 68526 Ladenburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Calvatis GmbH Am Hafen 16 68526 Ladenburg Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Arthur Schopf Hygiene GmbH & Co. KG
Indirizz tal-manifattur	Pfaffensteinstr. 1 83115 Neubeuern Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Arthur Schopf Hygiene GmbH & Co. KG Pfaffensteinstr. 1 83115 Neubeuern Il-Ġermanja

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Shell Nederland Raffinaderij B.V.
Indirizz tal-manifattur	Vondelingenweg 601 3196 KK, Vodelingenenplaat Rotterdam In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Shell Nederland Raffinaderij B.V. site 1 Vondelingenweg 601 3196 KK, Vodelingenenplaat Rotterdam In-Netherlands

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	ExxonMobil
Indirizz tal-manifattur	4999 Scenic Highway LA 70897 Baton Rouge, Louisana L-Istati Uniti
Post ta' siti ta' manifattura	ExxonMobil site 1 4999 Scenic Highway LA 70897 Baton Rouge, Louisana L-Istati Uniti

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	INEOS Solvents Germany GmbH
Indirizz tal-manifattur	Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	INEOS Solvents Germany GmbH site 1 Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	61,25 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Kwalunkwe likwidu ieħor (lest għall-użu)

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P101: Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib. P102: Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal. P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P233: Żomm il-kontenitur magħluq sew. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jekk tħossok ma tiflaħx. P337+P313: Jekk l-irritazzjoni tal-għajnejn tippersisti: Ikkonsulta. P403+P235: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm frisk. P405: Aħżen f'post imsakkar.

	P501: Armi l-l-kontenut fi l-kontenitur skond ma jitolbu r-regolamenti lokali. P264: Aħsel idejk sew wara li tużah. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P370+P378: F'każ ta' nar: Uża fowm reżistenti għall-alkoħol għat-tifi.

4. **UŻU/I AWTORIZZATI**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Użu 1 - Diżinfettazzjoni ta' uċuħ żgħar fil-prodott tip 2 minn utenti mhux professjonali

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterji Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: Kollha Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: Kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ mhux porużi f'żoni domestiċi.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar / Sprejja u imsaħ / Ferrgħa u imsaħ Deskrizzjoni dettaljata: Sprejjar (sprejer b'żennuna jew sprej b'pompa)
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 40-50 mL/m^2 - Numru u ħin tal-applikazzjoni: -
Kategorija/i ta' utenti	pubbliku ġenerali (mhux professjonali)

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	1. Flixkun: Polietilene ta 'densità għolja (HDPE), 250 - 1000 mL 2. Flixkun b'pompa tal-isprej għal raxx ħafif jew ras ta' żennuna tal-isprejjar: HDPE, 250 - 1000 mL

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jispeċifika r-rata ta' applikazzjoni tipika f'format sempliċi u faċli tifhimha fuq it-tikketta:

— Sprejer b'żennuna: Applika 20 tefgħat tal-isprej kull 0.5 m^2.

— Sprejer b'pompa: Applika 3 ġetts kull 100 cm^2.

— Flixkun: Applika tazza tal-kejl waħda kull m^2

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara Taqsima 5.2

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara Taqsima 5.3

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara Taqsima 5.4

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Taqsima 5.5

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Użu 2 – Diżinfezzjoni ta' uċuħ żgħar fil-prodott tip 2 minn utenti professjonali

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterji Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: Kollha Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: Kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ mhux poruż fl-industrija, intrapriżi żgħar, istituzzjonijiet u f'żoni domestiċi.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar / Sprejja u imsaħ / Ferrgħa u imsaħ Deskrizzjoni dettaljata: Sprejjar (sprejer b'żennuna jew sprej b'pompa)

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 40-50 mL/m^2 - Numru u ħin tal-applikazzjoni: -
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	1. Flixkun: HDPE, 250 - 1000 mL 2. Flixkun b'pompa tal-isprej għal raxx ħafif jew ras ta' żennuna tal-isprejjar: HDPE, 250 - 1000 mL 3. Kontenituri tal-massa intermedji (IBC): HDPE, 720 L 4. Tank: Azzar, żingu miksi u miżbugħ, 200 - 220 L 5. Ċilindru: HDPE, 5 - 50 L

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara Taqsima 5.1

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

1. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju personali li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati għad-dižinfezzjoni ta' makkinarju tal-ipproċessar tal-ikel u proċeduri ta' mili mill-ġdid sakemm ma jistax jiġi sostiwit minn miżuri tekniċi u / jew organizzattivi: L-użu tal-protezzjoni tal-għajnejn waqt l-immaniġġjar tal-prodott huwa rakkomandat.

2. Il-prodott għandu jiġi applikat biss għad-dižinfezzjoni ta' uċuħ żgħar.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara Taqsima 5.3

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara Taqsima 5.4

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Taqsima 5.5

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3

Użu 3 - Disinfettazzjoni ta' uċuħ żgħar fil-prodott tip 4 minn utenti mhux professjonali

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterji Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: Kollha

	Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: Kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ mhux porużi fi kċejjen. Diżinfezzjoni ta' tagħmir tal-ġnien għall-iġjene umana biss.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar / Sprejja u imsaħ / Ferrgħa u imsaħ Deskrizzjoni dettaljata: Sprejjar (sprejer b'żennuna jew sprej b'pompa)
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 40-50 mL/m^2 - Numru u ħin tal-applikazzjoni: -
Kategorija/i ta' utenti	pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	1. Flixkun: HDPE, 250 - 1000 mL 2. Flixkun b'pompa tal-isprej għal raxx ħafif jew ras ta' żennuna tal-isprejjar: HDPE, 250 - 1000 mL

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

1. Għall-użu f'temperatura ta' kamra (20±2°C).
2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jispeċifika r-rata ta' applikazzjoni tipika f'format sempliċi u faċli tifhimha fuq it-tikketta:
   - Sprejer b'żennuna: Applika 20 tefgħat tal-isprej kull 0.5 m^2.
   - Sprejer b'pompa: Applika 3 ġetts kull 100 cm^2.
   - Flixkun: Applika tazza tal-kejl waħda kull m^2
3. Diżinfezzjoni ta' tagħmir tal-ġnien għall-iġjene umana biss.
4. Iddiżinfetta tagħmir tal-ġnien ġewwa biss.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara Taqsima 5.2

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara Taqsima 5.3

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara Taqsima 5.4

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Taqsima 5.5

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 4

Użu 4 - Diżinfezzjoni ta' uċuħ żgħar fil-prodott tip 4 minn utenti professjonali

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterji Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: Kollha Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: Kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ mhux porużi f'canteens jew kċejjen, l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel (inkluż birreriji). Diżinfezzjoni ta' tagħmir tal-ġnien għall-iġjene umana biss.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar / Sprejja u imsaħ / Ferrgħa u imsaħ Deskrizzjoni dettaljata: Sprejjar (sprejer b'żennuna jew sprej b'pompa)
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 40-50 mL/m^2 - Numru u ħin tal-applikazzjoni: -
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	1. Flixkun: HDPE, 250 - 1000 mL 2. Flixkun b'pompa tal-isprej għal raxx ħafif jew ras ta' żennuna tal-isprejjar: HDPE, 250 - 1000 mL 3. IBC: HDPE, 720 L 4. Tank: Azzar, żingu miksi u miżbugħ, 200 - 220 L 5. Ċilindru: HDPE, 5 - 50 L

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

1. Għall-użu f'temperatura ta' kamra (20±2°C).

2. Diżinfezzjoni ta' tagħmir tal-ġnien għall-iġjene umana biss.

3. Iddiżinfetta tagħmir tal-ġnien ġewwa biss.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

1. Ipprovdi ventilazzjoni adegwata (ventilazzjoni industrijali jew żomm twieqi u bibien miftuħin).
2. Il-prodott għandu jiġi applikat biss għad-diżinfezzjoni ta' uċuħ żgħar.
3. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju personali li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati għad-diżinfezzjoni ta' makkinarju tal-ipproċessar tal-ikel u proċeduri ta' mili mill-ġdid sakemm ma jistax jiġi sostiwit minn miżuri tekniċi u / jew organizzattivi: L-użu tal-protezzjoni tal-għajnejn waqt l-immaniġġjar tal-prodott huwa rakkomandat.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara Taqsima 5.3

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara Taqsima 5.4

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara Taqsima 5.5

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU** ([1])

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

1. Naddaf l-uċuħ qabel l-użu.
2. Applika l-prodott fuq il-wiċċ mhux dilwit billi tisprejja. Żgura li xxarrab l-uċuħ kompletament. Ħalli biex jieħu effett għal mill-inqas 15-il minuta.
3. Applika l-prodott mhux dilwit fuq il-wiċċ billi tisprejja / tferrgħa l-prodott u timsaħ il-wiċċ wara. Żgura li xxarrab l-uċuħ kompletament. Ħalli biex jieħu effett għal mill-inqas 5-il minuta.
4. Tapplikax aktar minn 50 mL/m2.
5. Wipes użati għandhom jintremew f'kontenitur magħluq.
6. Għal utenti mhux professjonali biss: Tużax iktar minn 4 applikazzjonijiet kuljum.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

1. Żomm 'il bogħod mit-tfal u l-annimali domestiċi.
2. Evita kuntatt mal-għajnejn.
3. Tapplikax fil-preżenza ta' tfal żgħar.
4. Żomm tfal u annimali barra mill-kmamar, fejn tkun qed issir id-diżinfettazzjoni. Ipprovdi ventilazzjoni adegwata qabel it-tfal jidħlu fi kmamar trattati.
5. Għall-mili mill-ġdid għandu jiġi applikat lembut.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

L-ewwel għajnuna:

1. JEKK IKUN MIĠBUD MAN-NIFS: Ħu l-vittma fl-arja friska u żommha rpużata f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs.
2. JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'kawtela bl-ilma għal bosta minuti. Neħħi lentijiet tal-kuntatt jekk ikun hemm u jkunu faċli jitneħħew – kompli laħlaħ.
3. Ċempel lil ĊENTRU TAL-VELENI jew tabib jekk tħossok ma tiflaħx.

([1]) L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.

4. Jekk l-irritazzjoni fl-għajnejn tippersisti, ikseb parir/attenzjoni mediku.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Fi tmiem it-trattament, armi l-prodott li ma ntużax u l-imballaġġ skont ir-rekwiżiti lokali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Aħżen frisk (mhux aktar minn 30°C) u pproteġi mill-ġlata.

Il-ħajja utli tal-oġġett: 24 xahar.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

1. Jekk jogħġbok kun konxju mill-valur ta' referenza Ewropea ta' 129.28 mg/m³ għas-sustanza attiva propan-2-ol (CAS No.: 67-63-0) li ntużat għall-evalwazzjoni tar-riskji għall-prodott.
2. Informazzjoni dwar dikjarazzjonijiet ta' periklu u prekawzjoni:

   Fil-fatt H319 jiġġenera P280 (Ilbes ta' protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall-wiċċ.). Madanakollu, għall-użu mhux professjonali ma jistax ikun preżunt użu tajjeb ta' tagħmir protettiv personali. Skont l-evalwazzjoni tar-riskji notifika (tikkettar) addizzjonali b'"Evita kuntatt mal-għajnejn" u dikjarazzjonijiet oħrajn ta' prekawzjoni P305 + P351 + P338 u P337 + P313 huma kkunsidrati biżżejjed biex jipproteġu lill-utent mhux professjonali mir-riskju korrispondenti.

   H319 jiġġenera wkoll P264 (Aħsel… sew wara l-immaniġġjar.). Din id-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni wkoll mhijiex meħtieġa billi l-propan-2-ol u l-prodott bijoċidali formulat huwa volatili ħafna u jevapora mill-ġilda kontaminata malajr. Għaldaqstant, il-ħasil tal-idejn jew partijiet oħra tal-ġisem mhuwiex meħtieġ.

   H336 jiġġenera P304 + P340 (JEKK MIĠBUD MAN-NIFS: Ħu l-persuna fl-arja friska u żommha komda biex tieħu n-nifs.). Skont il-Gwida fuq it-tikkettar u l-imballaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (2016) din id-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni hija kkunsidrata bħala fakultattiva. Skont il-periklu baxx minn ġbid man-nifs ta' doża akuta tal-prodott bijoċidali din id-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni hija kkunsidrata bħala mhux meħtieġa.